MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 2493/1998/1

**Horwath (Malta) gia John Abela & Co u; u b' digriet tas-26 ta' Mejju 2004 l-okkju ghandu jinqara John Abela ezercjenti l-kummerc taht l-isem ta' Horwath (Malta) gia John Abela.**

**vs**

**Carmal Limited**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata l-1 ta' Dicembru 1998 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet:-

Illi s-socjeta` attrici prestat diversi xoghlijiet in konnessjoni ma' *accounts, audit* u xoghlijiet ohra relatati lis-socjeta` konvenuta u dan fuq ordnijiet taghha.

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha tghati lis-socjeta` attrici s-somma globali ta' Lm1,550 (elf hames mija u hamsin lira Maltin) rapprezentanti drittijiet professjonali u spejjes ohra nkorsi fl-ghoti tas-servizzi aktar ‘il fuq indikati u dan kif indikat ahjar fid-dokument anness u mmarkat bhala Dok A.

Illi ghalkemm interpellat biex ihallas anke ufficjalment il-konvenut baqa’ inadempjenti (Dok B).

Billi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *a tenur* tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u l-istanti qed jannetti ma dan l-att affidavit markat Dok C *a tenur* tal-istess artikolu tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elf hames mija u hamsin lira Maltija (Lm1,550) rapprezentanti drittijiet professjonali u spejjes ohra nkorsi fl-ghoti tas-servizzi konsistenti f’*accounts, audits* u xoghlijiet ohra relatati.

Bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tal-__ ta' ____ 199_ u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-16 ta’ Dicembru 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 30 ta’ Dicembru 1998 (fol 19) fejn esponiet:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez *stante* li l-esekuzzjoni tax-xoghol tas-socjeta` konvenuta *da parte* tal-attur ma sarx skont ma titlob il-professjoni tieghu bir-rizultat li gew ikkawzati danni lis-socjeta` eccippjenti li ghalihom l-istess attur gia nzamm responsabbli *ai termini* tal-ittra legali tat-13 ta' Ottubru 1997.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-**Kontro-talba** tas-socjeta` konvenuta datata 30 ta' Dicembru 1998 (fol 20) fejn esponiet:-

1. Illi s-socjeta` esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha mill-azzjoni attrici u ticcita lill-attur *in via* rikonvenzjonali bil-mod li gej:-

2. Billi s-socjeta` konvenuta kienet inkarigat lill-attur sabiex jaghmlilha certi xoghljiet in konnessjoni ma' *returns* ta' taxxa u tal-VAT; infatti s-socjeta` konvenuta kienet inkarigat lill-attur bhala l-*accountant* u l-awditur taghha u kwindi l-attur kellu jipprepara l-*audit*, l-*income tax returns* u il-*VAT returns* tas-socjeta` konvenuta

3. Billi l-istess attur naqas milli jipprepara u jipprezenta r-returns tal-VAT u *inoltre* ghamel ukoll zbalji fil-mili u preparazzjoni tal-istess u per konsegwenza s-socjeta` konvenuta giet penalizzata mill-istess Dipartiment, ghal liema penalita` ma hijiex responsabbli s-socjeta` konvenuta.

4. Billi l-attur naqas mid-doveri tal-obbligi tal-professjoni tieghu u bi traskuragni, imperizji, negligenza u nuqqas ta' osservanza tad-dettami tal-etika tal-professjoni tieghu huwa kkawza danni lis-socjeta` konvenuta li ghalihom huwa tenut responsabbli skont il-ligi.

Jghid ghalhekk l-attur ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddikajra illi bl-agir tieghu l-attur ikkawza danni lis-socjeta` konvenuta u dan ghar-ragunijiet fuq premessi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta, okkerrendo per opera ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-attur ihallas lis-socjeta` konvenuta l-istess danni li jigu hekk likwidati – kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-attur u bl-imghax millum kontra l-attur li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghat-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta** datata 22 ta' Jannar 1999 a fol 23 tal-process fejn esponiet:-

1. Illi primarjament it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi michuda bl-ispejjes *stante* illi t-talba kif dedotta fl-att tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi u ghalhekk in-nullita` tal-istess.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suesppst id-domandi rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes *stante* li jekk s-socjeta` konvenuta kellha xi dizgwid mad-Dipartiment tat-Taxxa jew mad-Dipartiment tal-VAT, dan sehh minhabba nuqqasijiet da parti tas-socjeta` konvenuta jew agenti taghha meta naqsu li jghatu nformazzjoni u dikjarazzjonijiet korretti lill-istess Dipartimenti jew lil min minnhom.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk qatt kien hemm xi dewmien fl-intavolar ta' xi formoli ma' xi dipartiment, dan kien biss tort tas-socjeta` konvenuta jew agenti taghha peress illi qatt ma ghaddew l-istess formoli jew dokumenti lis-socjeta` attrici fil-hin, bi sforzi kbar da parti tal-istess socjeta` attrici sabiex tevita pieni horoxx lill-istess socjeta` konvenuta u dan kif jigi pruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra

Rat ir-rikors tal-attur datata 14 ta’ Mejju 2004 a fol 149 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna l-korrezzjoni fl-okkju sabiex l-okkju jigi jaqra “John Abela ezercjenti l-kummerc taht l-isem ta’ Horwath (Malta) gia John Abela vs Carmal Limited)” u dan *a tenur* tal-artikolu 175 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri Civili; u l-Qorti kif diversament presjeduta, bid-digriet taghha tas-26 ta’ Mejju 2004 (fol 161) laqghet it-talba u ordnat li jsiru l-bidliet mehtiega fl-atti tal-kawza kif miltub.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici datata 28 ta’ Lulju 2004 a fol 165 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 17 ta’ Awwissu 2004 a fol 172 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2004 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghad-ditta attrici ddikjara li m’ghandux xi jzid mas-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet fin-noti rispettivi taghhom u talbu ghalhekk li l-kawza tithalla ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2005; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tad-29 ta’ Novembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Marzu 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Ottubru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din il-kawza saret ghall-hlas ta' servizzi prestati minn ditta ta' awdituri lis-socjeta' Carmal Limited ghall-perjodu 1995,

u 1996, fuq inkarigu tal-istess. Is-socjeta' konvenuta cahhdet l-addebitu u pprezentat kontro-talba peress li qed tghid li ssubiet danni minhabba li l-prestazzjoni da parti tal-atturi ma saritx skont il-professjoni.

L-atturi eccipew in-nullita` tat-talba rikonvenzjonali peress li din ma kinetx konformi mar-rekwiziti stabbiliti mil-ligi.

Fil-qosor, is-socjeta' *Carmal Limited* giet kostitwita f'Malta fis-sena 1995 u tmexxiet minn Diretturi barranin *tramite operations manager* f'Malta. L-inkarigu tal-attur fl-ewwel sena kien biex jiftah l-kumpanija u jirregistraha. Kien anke ppresta s-servizzi tieghu sabiex Carmal Limited giet koncessa fabbrika mill-MDC. Sa Frar tas-sena 1996 ma kienx hemm moviment sostanzjali fil-finanzi tal-kumpanija. Fis-sentejn in kwistjoni, *Carmal Limited* giet immultata mid-Dipartiment tal-VAT primarjament minhabba *late return submissions.* Bejn 1995 u 1996, in-negozju tas-socjeta' konvenuta kien f'idejn certu Ray Bianco, li eventwalment, fis-sena 1996, gie sostitwit b'impjegat iehor, Mark Norton.

Il-Qorti kkonsidrat *in limine* li mhux ikkontrastat li l-attur ippresta servizzi kemm fil-process ta' kostituzzjoni tal-kumpanija, kif ukoll fil-preparament tal-formalitajiet soliti li jakkompanjaw ir-registrazzjoni ta' kumpanija *ai fini* ta' taxxa u VAT, u redazzjoni tar-*returns* tal-VAT. Lanqas m’hu ikkontestat li kull korrispondenza, anke dik li kienet bzonnjuza *ai* finijiet ta' taxxa, u formoli relattivi, kienet tigi ndirizzata fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta u mhux direttament lill-attur.

**<u>Provi Prodotti</u>**

Skont **John Abela**[1], Ray Bianco, impjegat tas-socjeta' konvenuta, kellu jghaddilu d-dokumenti sabiex jaghmel ir-*returns*, halla kollox jakkumula ghal sena shiha. L-atturi gew imqabbdin biex jimlew il-kotba. Ghalhekk it-tardivita` ma kenitx dovuta ghal xi nuqqas da parti tieghu imma ghall-agir tal-istess impjegati tad-ditta konvenuta.

[1] Fol 31 et seq.

Ghamel riferenza ghall-multi li gew mahruga fil-konfront ta' *Carmal Ltd*. li, skont hu, kienu dovuti primarjament ghall-fatt li *Carmal Ltd.* riedet li jiddikjaraw *Range Rover* ghall-skop ta' *vat credit* meta dan ma kienx ammess bil-Ligi. B'hekk il kumpanija ma setghetx tgawdi mill-*Vat credit* ta' circa Lm12,000 fl-*intier* taghha. Skont ix-xhud, kien mar id-dipartiment u kien anke lahaq ftehim li l-kreditu mitlub ghall-vettura jitnaqqas u l-kumpanija tithallas il-bilanc, izda dan il-ftehim ma giex attwat. Hu jghid li dan kien minhabba li Mark Norton ghamel xi xenata fid-Dipartiment.

Skont ix-xhud, *Carmal Limited* kienu ilhom ma jhallsuhom tas-servizzi taghhom ghal sena u kitbulhom fis-sena 1997 biex ihallsuhom. F'laqgha li kellu mad-Direttur barrani Caravaggi, lahqu ftehim fis-sens li "*jekk isiru l-audits tal-1995 u tal-1996 il-kont taghhom jigi mhallas".* Hekk ghamlu izda baqghu ma thallsux. Peress li ma thallsux ma baghtux l-*audited accounts* u t-*tax returns*.

**Gian Lorenzo Caravaggi** xehed[2] li kien ifforma socjeta' ma' ibnu u azzjonisti ohra. Hu kkonferma li nkariga lill-attur biex ikompli x-xoghol tal-kumpanija wara li giet imwaqqfa. B'dan kellu jircievi d-dokumenti u mbaghad ihejji l-*accounts* annwalment. Hu halla l-affarijiet f'idejn Ray Bianco peress li kien jigi Malta kull xahrejn jew tliet xhur u dawn kellhom jitmexxew bejn l-awditur u Bianco.

Hu qal li n-nuqqasijiet kienu "*jikkonsistu filli ma gewx ipprezentati l-accounts fil-hin ghax is-Sur Abela kellu jsegwi l-persuna li qabbadna ahna biex taghtih l-informazzjoni mehtiega."*

Hu kkonferma li rcieva xi rifuzjoni mill-Vat Department izda ma setax jikkonferma l-ammont.

In **kontro-ezami xehed** li Ray Bianco ghamel 'handover' lill-impjegat Mark Norton u huma ma nfurmawhx bil-problema mal-VAT.

[2] Fol 71 et seq.

**Xehed Joseph Scerri**[3] l-*accountant* li tqabbad mis-socjeta' Carmal in sostituzzjoni ta' John Abela. Hu beda fl-inkarigu tieghu f'Novembru 1997 u gie nfurmat li kien hemm problemi mal-VAT Office. Kienu rcevew multi ta' **Lm2,665.20** ghall-perjodu 1/3/1995 sa 1/7/1996 minhabba *late return submission.*

Hu rega' ghamel kollox mill-gdid u pprezenta *VAT returns* li gew accettati. L-ammont imsemmi ta' Lm2,665.20 kien, barra l-multa ghal *late return,* jinkludi Lm1,860, *charge* ghal *audit assessment,* u *additional tax* ta' Lm467.

Xehed **Mark Norton**[4] li dahal jahdem ma' Carmal Ltd fis-6 ta' Frar 1996. Beda jinduna b'xi irregolaritajiet fl-*accounts* konsistenti f'bilanci li ma jaqblux u rrefera dan lil John Abela jew lill-impjegat tieghu.

"*Wahda mill-akbar irregolaritajiet kien li f'Marzu u April 1996 indunajna li l-ebda VAT return ma kienet giet maghmula minn mindu giet imwaqqfa l-kumpanija fil-1995. Ir-responsabbilta` tal-VAT return kienet f'idejn is-socjeta` Howarth."*

F'Ottubru tas-sena1997 ircevew ittra minn Howarth li jekk ma jhallsuhomx it-Lm800 *on account* ser jissospendu s-servizz. Hu kien prezenti fil-laqgha bejn Abela u Caravaggi. F'din il-laqgha "*John Abela kien wieghed li ha jirranga l-affarijiet u jgibhom f'posthom u Gian Lorenzo Caravaggi kien qallu li kien ha jhallsu sa l-inqas centezmu jekk ilesti dawn l-affarijiet."* John Abela kien jithallas *on invoice* b' pagamenti regolari.

Hu qal li kien imur ghandu darbtejn fil-gimgha fl-1996, jehodlu l-*invoices* u affarijiet relatati max-xoghol. Fil-1995 ma kien hemm xejn li jsir ghaliex kienu f'*setting up movement*.

[3] Fol. 82 et seq.
[4] Fol.111 et.seq

Xehdet **Joanna Norton**[5] mart Mark Norton, bdiet tghin lill-Kumpanija ghaliex bdew jircievu multi mill-VAT office ghaliex *ir-returns* ma kienux jintlew, u dan miz-zmien minn qabel ma beda jahdem zewgha.

Xehed **Paul Scicluna**[6] Spettur tal-VAT Department. Spjega li s-socjeta` konvenuta kellha problema ta' *'late submission of returns.'*

Qal li denunzja li taghlaq fit-30/6/1995 giet sottomessa fit-3 ta' Frar 1998 meta kellha tinbaghat sal-15/8/1995. *Returns* sussegwenti wkoll gew sottomessi tardivament. Il-persuna responsabbli *vis-a-vis* il-VAT Dept. kien Gianluigi Caravaggi.

Ghall-perjodu minn 1995 sa Gunju 1997, Carmal giet immultata Lm1,030 bhala taxxa addizzjonali u Lm1,452.70 taxxa ohra u nteressi (Lm50.52) (**Dok.PS)**.

Dwar CET xehed li bejn 1/7/1997 sa 1998 il-multi jammontaw ghal Lm100, Lm402.36 u Lm2.31 interessi. Dawn gew *offset* mal-kreditu li kellha tiehu l-kumpanija ammontanti ghal Lm10,987.31 **(DOK PS1**).

It-talba ta' Carmal Ltd. ghar-riduzzjoni tal-multi ma gietx milqugha.

Skont ix-xhud, kien hemm *returns* li sussegwentement gew mibdula ghall-perjodu minn Marzu 1995 sa Dicembru 1996. Dawn gew accettati u b'rizultat kien hemm iffrankar fil-VAT tal-kumpanija.

Ma sab xejn rigward *Range Rover* fil-*files* tieghu, imma skont il-Ligi tal-VAT dawn huma *blocked items* u ma hemmx dritt ghal input tal-VAT li thallas fuqha.

Xehed **Joseph Mary Caruana**[7] li kien jahdem *part time* mad-ditta attrici u jiehu hsieb l-*accounting* u VAT *returns* ta' Carmal Ltd. Id-dokumenti mhux dejjem kienu jaslulu fil-

[5] Fol.124 et seq.
[6] Fol 133 et seq.
[7] Fol. 144 et.seq.

hin u gieli mar hu biex jigborhom. "*Sa fejn naf jien bejn wiehed u iehor dejjem konna nkunu on time.*"

Skont ix-xhud, peress li kienet *'exporting company'* Carmal Ltd. kellha tiehu mill-VAT, u dan ifisser li kellhom joqghodu iktar attenti ghaliex ikunu iktar taht il-lenti tal-VAT Dept.

Rigward ir-*Range Rover*, hu kien qal lil Norton li ma setghux jiehdu VAT, izda dan, kontra l-parir tieghu, dahhal it-talba fil-*VAT return*. Ftit wara d-Dipartiment ghamlu 'objection'. Meta marru d-Dipartiment Norton telaghlu u beda jsabbat fuq il-mejda, u b'rizultat ta' dan ma wasslu mkien. Inhareg '*revised assessment'* fejn tnaqqas mill-VAT dovut lil Carmal u giet imposta multa.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
**Eccezzjonijiet Procedurali : L-ewwel Eccezzjoni ghat-Talba Rikonvenzjonali**

Id-ditta attrici eccepiet primarjament li "*t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi michuda l-ispejjez stante li t-talba kif dedotta fl-att tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi u ghalhekk in-nullita` tal-istess."*

Illi din il-Qorti bil-fors ikollha tinnota l-izball f'din l-eccezzjoni fis-sens li qed tirreferi ghat-talba "*kif dedotta fl-att tac-citazzjoni"* mentri l-kontro-talba tigi pprezentata man-nota tal-eccezzjonijiet.

Izda filwaqt li dan ghandu jigi kkonsidrat pjuttost bhala *lapsus* da parti tad-difensur tal-attur, din l-eccezzjoni, fil-fehma tal-Qorti, tibqa' monka in kwantu li l-attur ma kkjarifikax fuq liema bazi qed iressaqha.

L-artikolu **789 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ewwel sub-inciz tieghu, jelenka diversi kapijiet ta' nullita`, fosthom, vjolazzjoni ta' forma, u/jew nuqqas ta' xi partikolaritajiet rikjesti mil-Ligi. Kull kap huwa differenti.

Din l-eccezzjoni, hekk maghmula f'termini daqshekk vagi thalli wisq f'idejn il-Qorti biex issib xi raguni ghaliex ghandha tilqaghha. B'dan il-Qorti tista' tirreka ingustizzja bi pregudizzju ghall-konvenut li, fl-assenza ta' identifikazzjoni cara tal-bazi legali ghall-eccezzjoni da parti tal-attur, jkun gie mcahhad mill-opportunita` li jirribatti l-lanjanza hlief fl-istanza tal-appell.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din l-eccezzjoni ghat-talba rikonvenzjonali, kif dedotta, qed tigi michuda.

**Konsiderazzjonijiet Dwar it-Talbiet Reciproci tal-Kontendenti fuq il-Mertu.**

Essenzjalment, il-kwistjoni involuta f’ din il-kawza hi jekk ghandhiex ragun is-socjeta` konvenuta biex tirrezisti t-talba ghall-hlasijiet professjonali pretizi mill-attur fil-kwalita` premessa tieghu, u dipju', jekk l-istess attur ghandu jkun responsabbli ghad-danni li ssubiet is-socjeta' *Carmal Limited* minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tal-etika professjonali tieghu.

Jibda biex jigi osservat illi r-rapport professjonali jippostula l-konferiment ta’ inkarigu relattiv. Dan ir-rapport huwa inerenti ghall-istitut tal-mandat (**Kollez. Vol. XLI P I p 572**). Li jfisser li l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghall-ezekuzzjoni tal-inkarigu li jkun ircieva (Ara **Kollez. Vol. XXIX P II p 968**); *inoltre* kullhadd iwiegeb ghall-hsara kkagunata htija tieghu (**art.1031 Kap.16)**. Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta’ missier tajjeb tal-famiija. Art **1032(1) tal-Kap.16.**

F'kawzi ghar-rizarciment tad-danni jinkombi fuq min jallega din il-hsara l-onere li jressaq provi attendibbli sal-grad rikjest bil-Ligi li din il-hsara giet ikkagunata b'fatt jew ommissjoni htija tal-parti l-ohra. Irid jigi pruvat b'mod soddisfacenti li l-professjonista mhux biss ha zball, ammenoke' dan ma jkunx grossolan, imma ma uzax id-diligenza li trid il-Ligi - (ara "***Victor Savona p et noe v. Dr.***

***Peter Asphar et." -** A.C. dec.2 ta' April 1951")* - cioe' d-diligenza tal-*bonus pater familias.*

**It-Talbiet Attrici**

Applikati dawn il-principji jigi osservat li mill-assjem tal-provi ma jirrizultax li x-xoghol effettwat mid-ditta attrici fil-preparazzjoni tal-*audited accounts* ghas-snin 1995 u 1996 ma sarx b'mod professjonali.

**Joe Scerri,** l-awditur li gie nkarigat flok Abela, qal li kellu jibda kollox mill-gdid ghas-snin in kwistjoni, u li kienu dawn li gew sottomessi lid-Dipartiment. Izda b'dan il-Qorti m'ghandha ebda prova li l-*accounts* imhejjija minn Abela ma sarux skont l-*auditing standards* veljanti u mhiex tal-fehma li gie ppruvat li d-ditta attrici ma pprezentatx *accounts* skont dawn l-*istandards.*

Ikkonsidrat li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ammonti mitluba mill-attur da parti tas-socjeta' konvenuta. Mark Norton xehed li kien jithallas fuq l-i*nvoice*, izda lanqas jissemma' fin-nota tal-eccezzjonijiet, li kienu saru xi pagamenti, u lanqas jirrizulta mill-provi li saru pagamenti. Id-Direttur Gian Luigi Caravaggi ma semma’ xejn dwar allegat hlas. Fl-assenza ta' ricevuti ta' hlas, li huma l-ahjar prova fic-cirkostanzi, l-Qorti ghandha taccetta li l-ammonti pretizi mill-awditur baqghu ma thallsux.

Ghalhekk fir-rigward tat-talbiet attrici, il-Qorti hi tal-fehma li dawn ghandhom jigu akkolti, salv dak li ser jigi deciz fil-konfront tat-talbiet rikonvenzjonali.

**Talbiet Rikonvenzjonali**

Ikkonsidrat li jirrizulta li s-socjeta' konvenuta giet ippenalizzata mill-VAT Department minhabba '*late filing of returns'.* Kif qal Mark Norton "*Wahda mill-akbar irregolaritajiet kien li f'Marzu u April 1996 indunajna li l-ebda VAT return ma kienet giet maghmula minn mindu giet imwaqqfa l-kumpanija fil-1995. Ir-responsabbilta` tal-VAT return kienet f'idejn is-socjeta` Howarth."*

**John Abela** jghid li dan kien dovut ghas-segwenti fatturi:

i. Traskuragni u non-kuranza tal-impjegati tas-socjeta` konvenuta li ma kienux jghaddulhom l-inkartament bzonjuz fil-hin.

ii. Ma kienux jghaddulhom l-informazzjoni kollha u f'dan ir-rigward isemmi tliet kontijiet *foreign currency accounts* li ma kienx jaf bihom.

iii. Insistenza da parti tal-impjegat ta' Carmal li jiddikjaraw *Range Rover ai fini* ta' *VAT Credit* kontrarjament ghar-regoli tal-VAT.

iv. Carmal Limited ma hallsitux tax-xoghol prestat.

Il-Qorti tikkondividi l-fehma espressa minn Mark Norton u fl-isfond tal-provi prodotti tikkonsidra li l-attur ma rnexxilux jipprova r-responsabbilta' tal-impjegati tad-ditta konvenuta ghal dan in-nuqqas.

Ir-responsabbilta' professjonali tieghu kienet tirrikjedi li jzomm mat-termini mposti bil-Ligi biex ma jesponix lill-klijent tieghu ghall-penalitajiet. Dan hu l-minimu li ghandu jaghmel l-awditur ta' kumpanija.

Rigward l-ewwel skuzanti sollevata mill-awditur, hemm konflitt ta' provi fir-rigward tal-allegazzjoni li d-dokumenti ma gewx mghoddija lill-awditur fil-hin, fosthom il-formoli tal-VAT. **Joseph Mary Caruana**, l-impjegat tal-awditur, qal li kien imur ghad-dokumenti hu stess u generalment ipprezentaw ir-*returns* fil-hin meta qal "*Sa fejn naf jien bejn wiehed u iehor dejjem konna nkunu on time."*

Min-naha l-ohra, **Mark Norton** qal li kien imur regolarment u spiss ghand l-awditur bid-dokumenti mehtiega.

Jirrizulta inekwivokalment li *r-returns* kienu sottomessi tardivament u li minhabba f'hekk *Carmal Limited* giet penalizzata. Jirrizulta wkoll li r-*returns* sottomessi minn John Abela gew sostitwiti (minn Joe Scerri) u b'effett ta'

dan Carmal Limited iffrankat VAT. Dan kollu b'riferenza ghax-xhieda ta' Paul Scicluna, l-iSpettur mad-Dipartiment tal-VAT.

Madanakollu l-multi ma gewx irtirati u dawn huma konsegwenza tal-*late presentation* tar-*returns*.

Rigward it-tliet *foreign currency accounts,* l-awditur Abela ma ressaq ebda prova.

Riferibbilment ghall-kaz tar-*Range Rover*, li skont l-awditur Abela, kien il-kagun primarju tad-divergenza mal-VAT Department, Scicluna ma kellu ebda *record* dwar dan fil-*file* tieghu u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiddezumi li dan kellu xi effett fuq il-komputazzjoni finali tad-Dipartiment.

Ix-xhieda ta' Paul Scicluna hija determinanti. L-attur ma jaghti ebda spjegazzjoni dwar ix-xhieda tal-ufficjal tal-VAT kif lanqas jaghti spjegazzjoni soddisfacenti ghaliex ma hejjiex u pprezenta l-*audited accounts* almenu ghas-sena 1995.

Fid-dawl ta' dawn id-diskrepanzi fix-xhieda, din il-Qorti ma tistax talloka r-responsabbilta` ghal-*late submission of returns* fuq Carmal Limited u konsegwentement ma tistax tezonera lill-attur minn responsabbilta' ghall-multi imposti ghal din it-tardivita'.

John Abela qal li fil-1997 talab lil *Carmal Limited* biex ihallashom peress li kienu ilhom ma jithallsu ghal sena. Dan ifisser li kienu saru xi hlasijiet fis-sena 1995-1996 izda xorta wahda l-*audited accounts* ghall-1995 ma kienux tlestew. Il-Qorti bilfors trid tqis dan bhala traskuragni professjonali ghaliex ma jirrizultax li kien hemm xi raguni ghaliex l-awditur ma kellux jipprepara l-*audited accounts* ghas-sena 1995.

Il-Kumpanija twaqqfet f'dik is-sena u l-*fiscal year* fil-bidu tal-operat ta' kumpanija tkun izjed minn tnax-il xahar. L-attur kellu kull opportunita' li jaghmel il-verifiki bzonjuzi ghall-*audit* almenu ghas-sena 1995. Madanakollu ghazel li ma jaghmilx dawn l-*accounts*, minkejja li kien l-awditur tal-

kumpanija hu fid-dover li jaqdi dan id-dmir. Hu rrediga l-*accounts* biss meta ottjena l-kelma tad-Direttur Caravaggi li kien ser jithallas dak kollu dovut. Izda meta baqa' ma thallasx issospenda s-servizzi tieghu u zamm l-*accounts*.

Jirrizulta mix-xhieda ta' **Paul Scicluna**, li ghall-perjodu minn 1995 sa Gunju 1997 Carmal giet immultata Lm1,030 bhala taxxa addizjonali u Lm1,452.70 taxxa ohra u interessi ta' Lm50.52. (**Dok. PS)** cioe` b'kollox **Lm2,533.22.** Din ic-cifra kienet imposta b'konsegwenza ghall-prezentazzjoni tardiva tar-*returns.* L-istess xhud ghamel riferenza ghall-multi mposti bis-sistema tas-CET izda dawn kienu japplikaw ghall-perjodu bejn 1/7/1997 sa 1998, ghal liema perjodu l-awditur Abela ma kienx responsabbli.

Mid-dokument **PS** jirrizulta li l-ammont ta' Lm1,452.70 huwa ndikat bhala *underdeclared Additional Tax.* Ma jirrizultax ippruvat li d-ditta attrici kienet responsabbli ghal xi nuqqasijiet fil-kontenut tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa, jew li ma mlietx l-formoli (eventwalment) b'mod diligenti skont l-informazzjoni mghoddija lilha. Ukoll l-attur ma jistax jinzamm responsabbli ghall-imghaxijiet peress li kien jispetta lis-socjeta' konvenuta li tiehu hsieb tottempora ruhha mal-kontijiet imposti mid-Dipartiment.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali billi tikkonsidra li l-attur John Abela u d-ditta tieghu ma uzawx id-diligenza professjonali rikjesta minnhom skont il-Ligi, minhabba prezentazzjoni tardiva ta' *VAT returns* u billi sahansitra naqqset milli tipprezentahom, u tillikwida d-danni subiti mis-socjeta' konvenuta minhabba dawn in-nuqqasijiet fl-ammont ta' Lm1,030.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tichad l-eccezzjonijet** tas-socjeta` konvenuta kif ukoll **tichad** l-eccezzjonijiet tal-attur ghat-

talba rikonvenzjonali u tiddisponi mit-talbiet attrici u t-talbiet rikonvenzjonali skont dan li gej:

1. **Tilqa' t-tieni talba attrici** u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef, sitt mija u ghaxar ewro u tnejn u hamsin centezmu (€3,610.52) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju 1998 sad-data tal-hlas effettiv;

2. **Tilqa' l-Ewwel Talba rikonvenzjonali** u tiddikjara li bl-agir tieghu, l-attur ikkawza danni lis-socjeta' konvenuta minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tad-dettami tal-etika tal-professjoni tieghu; u

3. **Tilqa' it-tieni talba rikonvenzjonali** u tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€2,399.35); u

4. **Tilqa' it-tielet talba rikonvenzjonali** u tikkundanna lill-attur ihallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' elfejn, tliet mija u disgha u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€2,399.35) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tat-talba rikonvenzjonali sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------